# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgha 29 ta' Mejju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1091/17 MH**

**Numru:**

**Thomas u Sarah konjuġi Engerer**

**vs**

**Allin One Group Turnkey Services Ltd (C-74480), Francois Pisani u martu Mary Grace Pisani**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-30 ta' Novembru 2017** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

(1) *Illi l-esponenti huma propjetarji tal-fond ossia semi-detached villa gewwa l-Kappara, limiti ta' San Gwann, numru 3, jisimha Taora gewwa Triq il-Falkun, aktar l-isfel imsejjah il-fond;*

(2) *Illi l-esponenti waqqaw parti mill-fond, hammlu u regghu tellew il-fond sa shell form;*

(3) *Illi 1-esponenti, bi skrittura ta' appalt datata 22 ta' Ottubru 2016 [hawn annessa u mmarkata Dokument A], kkuntrattaw mas-socjeta' intimata u ma l-intimat Francois Pisani biex dawn jwettqu kull ma kien hemm bzonn u dana a tenur ta' bill of quantities [hawn annessa u mmarkat Dokument B];*

(4) *Illi, bi ftehim mal-intimati u a tenur tal-artikolu 5 tad-Dokument A, l-esponenti hallsu cash lill-intimat Francois Pisani ghall-intimati s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf euro [€25000] bhala depositu akkont u inharget id-debita ricevuta [Dokument C] datata 5 ta' Novembru 2016 iffirmata mill-intimat Pisani;*

(5) *Illi, in oltre, kif miftiehem verbalment bejn il-partijiet, ir-rikorrenti hallsu lill-intimati s-somma ta' ghaxar t'elef euro [€10000] biex l-intimati jhallsu l-istess somma bhala depositu ghall-ordni tal-lift minnghand is-socjeta' Pantalesco Limited u inharget iddebita ircevuta datata 16 ta' Novembru 2016 [Dok. C];*

(6) *Illi, oltre da, l-esponenti hallsu lill-intimati s-somma ta' ghoxrin elf euro [€20000] biex jithallas depositu ghall-ordni tal-ghamara u kcina minn Sqallija u thalliet id-debita ircevuta datata 17 ta' Novembru 2016 [Dok C];*

(7) *Illi sabiex jaghmlu cert li x-xogholijiet appaltati inkluz l-lift u l-konsenja tal-mobbli inkluz il-kcina provenjenti mill-esteru jigu konsenjati u installati entro t-terminu miftiehem bejn il-partijiet, l-intimati esigew minnghand l-esponenti li jithallas le imsemmija depositi imsemmija fil-paragrafi (5) u (6);*

(8) *Illi bhala kawtela ghal dawn il-flejjes mahruga mill-esponenti, is-socjeta' intimata harget zewg cekkijiet mahrugin fuq il-Bank of Valletta plc, kull wiehed ghas-somma ta' tletin elf euro [€30000 x 2] [Dok. C];*

(9) *Illi nonostante li x-xogholijiet kellhom jibdew fi zmien jumejn mill-hlas akkont tal-ewwel pagament u cioe' fis-7 ta' Novembru 2016 u jispiccaw sal-28 ta' Frar 2017, sal-lum ghadhom lanqas ma bdew ix-xogholijiet u 1-esponenti gew infurmati mill-intimati li x-xogholijiet mhux ser isiru u ghaldaqstant jkun opportun jinkarikaw appaltatur alternattiv, kif ukoll jkun ahjar li l-esponenti jinsew il-flejjes kollha imhallsa bhala depositu stante li l-flejjes imhallsa ghal dan l-appalt gew minghajr il-kunsens tal-esponenti uzati ghal skopijiet ohra. L-intimati f'attentat biex jirkupraw xi flejjes fosthom l-€10000 mhallsa fis-16 ta' Novembru 2016, avvicinaw direttament lis-socjeta' Pantalesco Limited li nfurmawhom li ma kienu rcevew xejn. Fid-dawl ta' dan kollu u sabiex jigu minimizzati d-danni bil-konoxxenza u*

*l-accettazjoni tal-intimati gie inkarigat appaltatur terz li effettivament beda u lesta x-xogholijiet miftiehma ma dan it-terzi fit-12 ta' Settembru 2017. Dawn ix-xogholijiet kienu biss x-xoghol baziku u essenzjali, tenut kont id-dewmien unikament imputabbli lill-intimati u tenut kont ukoll li fil-mument tat-tieni appalt il-finanzi tal-esponenti riservati ghal dawn ix-xogholijiet kienu nieqsa b'€55000 indebitament imhallsa lill-intimati; illi ghalhekk sal-lum ix-xogholijiet originarjament previsti u ordnati sal-lum ghadhom ma sarux;*

(10) *Illi minhabba l-inadempjenza tal-intimati li kellhom ftehim ta' appalt mar-rikorrenti ghas-somma ta' mija u hamsin elf, apparti mis-somom sborsati kif suespost, ir-rikorrenti spiccaw hallsu s-somma ta' wiehed u hamsin eff mija u sittin euro [€151160] biex jaghmlu ir-residenza taghhom abitabbli u fdallhom diversi xogholijiet x'jaghmlu li jammontaw ghall-eluf kbar ta' liri kif jista jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;*

*(11) Illi minhabba d-dewmien unikament imputabbli lill-konvenuti, ir-rikorrenti kellhom jhallsu il-kera ghal post fejn joqghodu ta' sitt mitt ewro [€600] fix-xaghar ghall-perijodu ta'seba' xhur aktar mill-previst u pattwit u cioe' l-intimati kellhom jilestu x-xogholijiet sa l-ahhar ta' Frar 2017, filwaqt li x-xoghol biex ir-residenza tar-rikorrenti ssir abitabbli tlestew f'Settembru 2017;*

*(12) Illi a tenur tal-artikolu 6 tal-ftehim ta' appalt [Dok. A] qedha tiddekorri penali ta' mitejn u hamsin euro [€250] kulljum apparti imghax fuq il-flejjes imhallsin indebitament u spejjes ta' kera ta' fond alternattiv sakemm tlestew l-istess xogholijiet jew parti minhomm kif dikjarat qabel;*

*(13) Illi nonostante li l-flejjes imhallsa ndebitament l-esponenti talbuhom diversi drabi, qatt ma gew restitwiti l-flus u wisq anqas l-penali u d-danni sofferti minnhom.*

*Raguni tat-Talba*

*(14) Ir-rikorrenti qieghdin, ghal dawn ir-ragunijiet, jipprocedu f' din l-istanza sabiex titlob l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimati jhallsu l-ammont dovut lir-rikorrenti bl-imghax u bl-ispejjes u dan ghar-ragunijiet kif se jigi muri waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors guramentat.*

*Talbiet*

*Jghidu ghalhekk l-intimati l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex, prevja kwalunkwe Dikjarazzjoni meqjusa necessarja u opportuna:*

(1)*Tiddikjara illi l-intimati huma solidalment debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsa u hamsin elf euro [€55000] oltre l-imghax kummercjali mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv;*

(2)*Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti u dana a bazi tal-artikolu 6 tal-iskrittura ta' appalta [Dok. A] u jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi, u*

(3)*Tiddikjara illi l-intimati huma solidalment debituri tar-rikorrent fis-somma ta' erba t'elef u mitejn euro [€4200] ghal kera zejda li sborzaw ir-rikorrenti, bl-imghax mid-data tal-isborzar sad-data tal-pagament effettiv;*

(4)*Tillikwida s-somma ta' hlasijiet extra li jridu isiru mir-rikorrenti biex ix-xogholiet kollha appaltati effettivament isiru, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u tiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli ghal dan it-telf;*

*(5) Tordna lill-intimati ihallsu lir-rikorrenti is-sommom hekk mitluba.*

*Bl-imghaxijiet legali fuq is-somom mitluba, u bl-ispejjes kollha, inkluz tal-mandat ta' iniblzzjoni u l-mandati ta' sekwestru, ilkoll kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti konjuġi Francois u Mary Grace Pisani tat-23 ta' Mejju 2018**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*"Illi fl-ewwel lok l-Intimata Mary Grace Pisani fil-vesti personali taghha qatt ma kellha l-ebda involvement fin-negozju bejn il-partijiet l-ohra f'din il-kawza, u l-*

[1] Fol 44 et seq

*Intimat Francois Pisani qatt ma kien appaltatur fit-transazzjoni li sehhet bejn ir-rikorrenti u l-Intimata Allin One Group Turnkey Services Limited izda l-irwol tal-Intimat kien dak li jiffacilita t-transazzjoni bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' Intimata senjatament f'kwistjonijiet ta' traduzzjoni ghal-lingwa Taljana (jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju?)*

*2. Illi l-Intimat Francois Pisani qatt ma agixxa f'ismu personali u qatt ma rcieva minghand ir-rikorrenti flus ghalih personali izda l-uniku pagament li rcieva kien ghan-nom ta'*

*socjeta' intimata u dan kien pagament wiehed qabel ma gie ffirmat il-ftehim mertu tal-kawza u meta d-direttur tas-socjeta' Intimata, Luca di Modugno, kien imsiefer.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-susepost, l-Intimati konjugi Pisani huma a konoxxjenza tal-fatt illi x-xogholijiet li kellhom jigu mwettqa mis-Socjeta' Intimata fil-fond tar-Rikorrenti gew mwettqa fl-intier taghhom, anke jekk dawn tlestew minn terzi fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta' u bil-kunsens tar-Rikorrenti. Tant hu hekk illi r-rikorrenti ilhom ix-xhur jghixu f'dan il-fond, u dan hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza. F'dan l-arrangament l-esponenti Pisani qatt ma kienu involuti;*

*4. Illi m'huwiex minnu illi kienu r-rikorrenti li kellhom jinkarigaw appaltatur terz sabiex ilesti x-xogholijiet a spejjez taghhom, izda dan l-appaltatur kien gie ingaggjat mis-socjeta' Intimata Allin One Group Turnkey Services Limited li daparti taghha ghamlet arrangamenti mas-socjeta' terza sabiex tidhol fiz-zarbun tas-socjeta' Intimata u ghalhekk ir-rikorrenti ma hallsu l-ebda ammont li ma kienx miftiehem originarjament bejn ir-rikorrenti u s-Socjeta' Intimata.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti huma a konoxxenza tal-fatt illi mhux talli l-konjugi Engerer ma hallsu l-ebda ammont zejjed ghax-*

*xogholijiet li twettqu, talli huma hallsu eluf ta' Euro inqas, u dan hekk kif ser jigi kkonfermat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*6. Illi m'huwiex minnu li d-dewmien fix-xogholijiet huwa attribwibbli lill-Intimati jew min minnhom izda dan ghaliex ir-rikorrenti ma setghux ihallsu pagamenti necessarji biex jinxtraw il-materjali u ghaliex ir-rikorrenti ziedu xogholijiet li ma kienux inkluzi fil-ftehim originali, u ghalhekk huma m'ghandhom ihallsu ghall-ebda danni f'dan ir-rigward.*

*7. Salv kwalunkwe eccezzjoni ultejri jekk ikun il-kaz u hekk kif permess minn din il-Qorti.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta Allin One Group Turnkey Services Ltd, debitament notifikata baqgħet kontumaċi.

Rat il-provi u s-sottomissjonijiet imressqa.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-atturi qegħdi jitolbu lill-Qorti tordna lill-konvenuti sabiex iħallsuhom flejjes li kienu ħallsu b'rabta ma' kuntratt t'appalt li ma ġiex esegwit mill-istess konvenuti jew min minnhom. Dan flimkien ma' spejjeż u

danni oħra allegatament naxxenti mill-inadempjenza tal-konvenuti kif ukoll l-imgħax kummerċjali.

Minn naħa tagħhom il-konvenuti Pisani jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

1. Permezz ta' **ftehim t'appalt datat 22 t'Ottubru 2016**[2], l-attriċi Sarah Engerer qua 'klijent' u l-konvenuti Allin One Group Turnkey Services Ltd (minn issa 'l quddiem imsejħa *"*Allin One*"*) u Francois Pisani msejjħa ż-żewġ konvenuti fuq il-ftehim li qed jidhru fi kwalita' ta' *'appaltatore'* fost oħrajn qablu li –

i. Il-kuntrattur kellu jwettaq fil-fond proprjeta' tal-atturi numru 3, *"*Taora*"*, Triq il-Falkun, Kappara limiti ta' San Ġwann diversi xogħlijiet elenkati fil-*Bill of Quantities* anness mal-istess ftehim li jinkludi tikħil, tibjid, pavimentar u installar ta' sistema tad-dawl u tal-ilma ;

ii. Ix-xogħlijiet maqbula fil-ftehim imsemmi kellhom jibdew fi żmien jumejn mill-versament tal-ħlas ta' depożitu da parti tal-klijenti u għandhom jitlestew kollha sad-data tal-kunsinna tax-xogħlijet u ċioe' sat-28 ta' Frar 2017 ;

iii. L-ammont totali ta' dawn ix-xogħlijiet kien ta' €150,000 inkluża l-VAT u l-ispiża għall-provvista u t-tqegħid tal-għamara tal-kċina. Dan l-ammont ġie ffissat u ma jistax jinbidel ħlief kif provdut fl-istess ftehim ;

[2] Fol 5 et seq

iv. Il-kuntrattur kellu jitħallas bil-quddiem is-somma ta' €25,000. Dan il-ħlas kellu jikkorrispondi parzjalment għall-ammont ta' materjal li kellu jiġi ordnat mill-kuntrattur biex isiru x-xogħlijiet koperti mill-kuntratt b'referenza partikolari għall-istadju bikri tal-istess xogħlijiet;

v. Il-kuntrattur aċċetta li jħallas favur il-klijent penali ta' €250 għal kull jum ta' dewmien mid-data tal-kunsinna tax-xogħlijiet;

vi. Bħala garanzija għat-twettiq tal-obbligi tiegħu l-kuntrattur qabel li jagħti lill-klijent ċekk maħruġ mill-Bank fl-istess ammont tad-depożitu li sar mill-klijent (ċioe' €25,000). Dan kellu jinżamm mill-klijent sad-data tal-kunsinna tax-xogħlijiet;

vii. Dwar il-progress tax-xogħlijiet il-partijiet qablu li –

- Sat-30 ta' Novembru 2016, il-kuntrattur qabel biex ilesti x-xogħlijiet relatati mal-ġibs ta' ġewwa tal-bini sħiħ skont u fit-termini ndikati fil-*Bill of Quantities*. Mat-tlestija ta' dan il-porzjon tax-xogħlijiet il-klijent kellu jħallas f'idejn il-kuntrattur l-ammont ta' €20,000;
- Sal-15 ta' Diċembru 2016, il-kuntrattur qabel biex ilesti x-xogħlijiet relatati mal-estern tal-immobbli skont u fit-termini ndikati fil-*Bill of Quantities*. Mat-tlestija ta' dan il-porzjon tax-xogħlijiet il-klijent kellu jħallas f'idejn il-kuntrattur l-ammont ta' €20,000;
- Sat-30 ta' Diċembru 2016, l-kuntrattur qabel biex ilesti x-xogħlijiet relatati mal-estern tal-immobbli skont u fit-termini ndikati fil-*Bill of Quantities*. Mat-tlestija ta' dan il-porzjon tax-xogħlijiet il-klijent kellu jħallas f'idejn il-kuntrattur l-ammont ta' €20,000;
- Sat-28 ta' Frar 2017, data tal-kunsinna tax-xogħlijiet, il-kuntrattur għandu jikkonsenja lill-klijent ix-xogħlijiet imwettqa skont l-arti u s-sengħa u

konformi ma' dak li ġie miftiehem fil-kors tar-relazzjoni bejn il-partijiet, inklużi t-tibdiliet li minn żmien għal żmien kienu ġew miftehma. Ma' tali eżekuzzjoni u tlestija sodisaċenti tax-xogħlijiet, il-klijent kellu jħallas lill-kuntrattur il-bilanċ rimanenti ta' €65,000.

2. B'rabta mal-ftehim imsemmi l-atturi ħallsu €55,000 in kwantu għal –

- Depożitu akkont ta' €25,000 li għalih ingħataw riċevuta mis-soċjeta' konvenuta datata 5 ta' Novembru 2016. Id-dettalji tal-irċevuta jindikaw li dan kien ħlas akkont għal xogħol ta' finituri[3];
- Depożitu ta' €10,000 li għalih ingħataw riċevuta mis-soċjeta' konvenuta datata 16 ta' Novembru 2016. Id-dettalji tal-irċevuta jindikaw li dan kien it-tieni ħlas akkont sabiex jiġi akkwistat materjal[4];
- Depożitu ta' €20,000 li għalih ingħataw riċevuta mis-soċjeta' konvenuta datata 17 ta' Novembru 2016. Id-dettalji tal-irċevuta jindikaw li dan kien ħlas akkont għall-lift u l-madum[5];

3. Minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta ħarġet żewġ ċekkijiet ta' €30,000 -il wieħed bħala kawtela għall-flejjes maħruġa mill-atturi[6];

4. **L-atturi** sostnew fix-xhieda tagħhom[7] li minkejja dan, is-soċjeta' konvenuta żammet il-flus li tawha iżda x-xogħlijiet iddettaljati f'Annex 1 a fol 53 et seq qatt ma saru. L-attur xehed hekk[8] –

[3] Fol 36
[4] Fol 36
[5] Fol 36
[6] Fol 36
[7] Fol 51 et seq, fol 155 et seq
[8] Fol 159

*"....ix-xogħol qatt ma sar minn Allin One Group, xejn qas qatt ma daħlu hemm ġew..."*

L-atturi xehdu li huma spiċċaw ħallsu lil terzi persuni għax-xogħlijiet, liema somma laħqet l-ammont ta' €227,287 skont kif elenkat a fol 51. B'hekk jilmentaw li ħallsu s-somma ta' €77,287 aktar mill-ammont miftiehem ma' Allin One. Inoltre, ċerti xogħlijiet immarkati "ND" fil-kolonna l-leminija tal-Annex 1 baqgħu ma sarux minħabba li l-atturi ma kellhomx aktar flus biex ikomplu.

Dwar ir-rwol tal-konvenut Francois Pisani fil-ftehim in kwistjoni, l-attur Thomas Engerer qal li dan kien preżenta ruħu bħala parti mis-soċjeta' Allin One. Meta ltaqgħu biex jiffirmaw il-kuntratt, l-atturi kellhom żewġ avukati taljani preżenti magħhom u huma spjegaw l-obbligi li kellu Pisani biex ikun parti mill-ftehim bħala garanti. Hu kien għalhekk jaf għalxiex qed jiffirma. L-attur insista li l-ftehim kien sar kemm ma' Allin One (li għaliha deher Luca Di Modugno) u anke ma' Francois Pisani.

Meta eventwalment ix-xogħlijiet ma twettqux, Luca Di Modugno kien laqqgħu ma' ċertu Sebastiano Vicario li miegħu għamel ftehim separat biex isir ix-xogħol. L-attur ċaħad li Sebastiano kien qallu li d-depożitu li kien ta lil Modugno ta' Allin One ser jassorbih huwa u li x-xogħol li kellha tagħmel Allin One kien ser jagħmlu hu. L-attur sostna li d-depożitu li kien ħallas lil Allin One għadu għand din is-soċjeta'. Inoltre, Sebastiano għamel biss partijiet mix-xogħlijiet li kellha tagħmel Allin One apparti li l-attur għamel ħafna affarijiet hu bħal railings, garaxx u xogħol fuq barra. Wara l-esperjenza qarsa li kellu ma' Allin One, l-attur qal lil Sebastiano biex l-ewwel jibda x-xogħlijiet, u meta jasal sa ċertu punt, iħallsu għax ma bediex jafda. U fil-fatt hekk għamel.

Fiż-żmien li Sebastiano ħadem għand l-atturi, Luca Di Modugno ma reġax deher. Għalkemm l-attur kien kellem lill-istess Modugno u talbu biex jirritornalu l-flus li kienu għaddewlu, dan baqa' inadempjenti. L-atturi kellhom jieħdu loan biex ikopru l-ispejjeż;

4. Kollega tal-attur, **Etienne Ghigo**[9], li ukoll kellu kuntratt t'appalt mas-soċjeta' Allin One u kien il-persuna li ntroduċa lill-attur mal-konvenuti, xehed li f'Jannar 2017 ix-xogħlijiet fil-fond tiegħu waqfu u Allin One ma baqgħetx tonora l-ftehim t'appalt ta' bejniethom[10];

5. **Andrea Patelli**[11], li kien l-avukat Naplitan li abbozza l-ftehim bit-taljan iffirmat mill-attriċi u l-konvenuti tat-22 t'Ottubru 2016, xehed dwar l-involviment tal-konvenut Francois Pisani fl-istess ftehim. Huwa spjega li l-ftehim iffirmat kien bil-lingwa taljana stante li wieħed mill-firmatarji kien taljan. Huwa kien iltaqa' mal-partijiet qabel il-ftehim u kienu ddiskutew l-istess ftehim. Kien anke spjega lil kull wieħed mill-partijiet x'kienu r-rwoli u l-obbligi tagħhom. Ix-xhud ikkonferma li Pisani kien iffirma volontarjament il-ftehim in kwistjoni. Qal li Pisani kien garanti fuq il-ftehim u hu kien aċċetta li jidħol għal dan l-obbligu[12];

6. **Sebastiano Vicario** xehed[13] li huwa daħal fix-xena meta avviċinah Luca Di Modugno għan-nom ta' Allin One fejn talbu jkompli x-xogħlijiet floku fil-fond tal-atturi peress li nqalgħulu diffikultajiet finanzjarji u ma setax ikompli. Ix-xhud qal li, bil-kunsens tal-atturi, huwa kien aċċetta li jkompli x-xogħlijiet huwa u ma jitlobx ħlas għax-xogħol li diġa' kienet tħallset tiegħu s-soċjeta' Allin One. Jiġifieri peress li l-atturi kienu diġa' ħallsu €50,000 lil Allin One, huwa għamel

[9] Affidavit a folio 96
[10] Fol 96
[11] Folio 151

[12] Fol 151 et seq
[13] Fol 169 et seq

ix-xogħlijiet lill-attturi għall-prezz ta' €100,000 biex b'hekk is-somma totali tammonta għal €150,000 kif miftiehem oriġinarjament fil-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016.
Sabiex jikkonvinċi lill-atturi li huma setgħu jafdawh, huwa offra li jibda x-xogħlijiet mingħajr ma jitħallas mill-ewwel u mbagħad jibda jitħallas skont il-progress li jsir. Wara xahrejn ix-xogħlijiet bdew javvanzaw u l-ħlas dovut beda jiżdied. Madankollu l-attriċi kienet dejjem iġġiblu l-iskużi u fl-aħħar beda jifhem li dawn ma kellhomx flus biex iħallsuh.

Darba minnhom kellmitu omm l-attur u qaltlu biex ma jikwetax għax huma kienu ser iħallsuh. Ix-xogħlijiet kienu laħqu telgħu għal circa €70,000 u peress li baqa' ma tħallasx huwa waqaf. Imbagħad wara ħafna xhur ingħata pagament ta' €45,000 b'ċekk datat 6 ta' Lulju 2017.

Ix-xhud iżid jgħid li l-atturi bdew jitrattjenu biex iħallsuh l-ammont rimanenti u deffsu fin-nofs il-kwistjoni ma' Luca Di Modugno ta' Allin One pero' hu nsista li din ma kellhiex x'taqsam għax issa miegħu kienu ftehmu. Induna li mhux biss ma kellhomx flus biex iħallsuh iżda l-attriċi bdiet ukoll tbiddel xi affarijiet li riedu u talbet ukoll li jsiru affarijiet addizzjonali. Fil-fatt l-atturi kienu spiċċaw laħqu arranġamenti huma mas-supplier tal-irħam għax riedu l-madum tal-irħam u kienu joħorġu d-differenza. Inoltre, l-attriċi ma riditx tidħol fil-fond mingħajr ix-xogħlijiet lesti. Allura ddeċieda li ma jkomplix u jitlaq.

Sussegwentement, f'żewġ okkażjonijiet separati, l-attur kien mar ifittex lix-xhud id-dar tiegħu biex jistaqsih ħalli jkomplilhom ix-xogħlijiet. Darba oħra, Thomas Engerer kien bgħatlu messaġġ fejn offrielu li jħallsu xi elf jew elfejn Ewro fix-xahar imma peress li x-xhud kien għad jonqsu jitħallas circa €30,000 huwa m'aċċettax.

Għalkemm ix-xhud ma kellux għandu l-kopja tal-kuntratt li kellu mal-atturi pero' nsista li kien l-istess bħal dak ta' Allin One u kien jinkludi l-istess xogħlijiet.

Mitlub jixhed dwar il-lista tax-xogħlijiet indikata fl-affidavit tal-attur huwa xehed li dawk kienu l-items inklużi fil-kuntratt oriġinali li l-atturi kienu għamlu ma' Allin One, liema xogħlijiet kienu mbagħad għaddew għandu. Madankollu t-taraġ tal-injam ma kienx inkluż fil-ftehim oriġinali u fil-fatt kien issuġerixxa wieħed mill-ħaddiema tiegħu stess li kien jaħdem ukoll *part-time* u ftehmu huma miegħu bejniethom.

Saħaq li huwa u Luca Di Modugno huma ħbieb fuq bażi ta' xogħol, u meta s-soċjeta' Allin One daħlet f'diffikultajiet finanzjari, kien hu stess li, bi qbil mal-istess Di Modugno, beda jagħmel kuntratt ma' diversi klijenti ta' Allin One u offrilhom li jkompli x-xogħlijiet huwa bl-istess kundizzjonijiet. Ħafna minn dawn il-klijenti, inkluż l-atturi, kienu aċċettaw. Ix-xhud stess għandu jieħu xi flejjes mingħand Allin One u dwar dan għandhom anke skrittura bin-nutar.

Meta hu ma baqax jaħdem fil-villa tal-atturi għax ma kinux qed iħallsuh, kien fadallu somom żgħar x'jitħallas u kien fadal circa xahar xogħol.

7. **Luca Di Modugno**, direttur tas-soċjeta' konvenuta Allin One, xehed[14] li l-kumpanija konvenuta kienet laħqet ftehim u anke ffirmat skrittura privata fit-22 t'Ottubru 2016 mal-atturi dwar xogħlijiet li kellhom jitwettqu fil-villa tal-atturi skont il-lista maqbula fl-istess ftehim. L-istruttura tal-fond kienet diġa' mibnija. Huma kellhom jagħmlu l-finituri bħal tikħil, tibjid eċċ. Peress li fil-kors tax-xogħlijiet kellu xi problemi ma' klijenti oħra li anke ntavolaw mandati ta' sekwestri kontra s-soċjeta' konvenuta, huwa avviċina lil Sebastiano Vicaro u

[14] Fol 180 et seq

ntroduċih mal-atturi, li minn naħa tagħhom qablu li jkomplu x-xogħlijiet maqbula miegħu minflok mas-soċjeta' konvenuta. Xehed li Sebastiano assorba x-xogħol li kienu kkummissjonaw l-atturi fil-ftehim u dan dejjem bil-konsapevolezza u l-kunsens tal-atturi.

Dwar id-depożitu li kien ingħata mill-atturi huwa xehed li l-flus huma wkoll maqbudin bis-sekwestri tal-Qorti.

Ix-xhud insista li meta Sebastiano kien ħa f'idejh ix-xogħlijiet minflok is-soċjeta' konvenuta huwa kien assorba kollox huwa bl-istess termini u s-soċjeta' konvenuta ħarġet mix-xena tant li huwa qatt ma reġa mar fuq il-lant tax-xogħol.

Sebastiano kien ukoll infurmah li meta waqaf, ix-xogħlijiet kienu kważi lesti.

Dwar ir-rwol tal-konvenut Francois Pisani, huwa nsista li dan deher fuq il-kuntratt bħala sempliċi traduttur. La kien garanti u lanqas kellu xi rwol fis-soċjeta' konvenuta. U lanqas qatt ma kien qal li se jidħol garanti għal dawn ix-xogħlijiet. Meta Pisani kien ħa ċ-ċekkijiet mingħand l-atturi, dan kien għamlu peress li dak iż-żmien ix-xhud kien imsiefer u malli rritorna kien għaddihomlu. Pisani kien biss intermedjarju.

8. **Il-konvenut Francois Pisani** xehed[15] li ltaqa' ma' Luca Di Modugno meta dan mar jabita fil-bloka t'appartamenti fejn kien jgħix huwa. Saru ħbieb u meta Di Modugno kien ikollu xi business ma' klijenti maltin fl-uffiċċju tiegħu fl-istess blokka ġieli talab l-assistenza tiegħu ai fini ta' traduzzjoni stante li Pisani jitkellem bit-Taljan u qal li kien jifhem ukoll id-djalett naplitan ta' Di Modugno. Qal li dan kien li ġara meta Di Modugno kien qed jinnegozja mal-atturi għax talbu

[15] Fol 191 et seq u fol 206 et seq

jservi ta' interpretu. Meta mbagħad kien ser jiġi ffirmat il-kuntratt kien talbu jkun preżenti bħala xhud u ffirma bħala xhud.

Imbagħad meta Di Modugno kien ikun imsiefer huwa ġieli kien jirċievi l-flus mingħand l-atturi, jagħtihom riċevuta ta' Allin One u meta Di Modugno jirritorna Malta kien jgħaddilu l-flus.

Il-konvenut xehed li ma kienx jitħallas tas-servizz li kien jagħti lis-soċjeta' konvenuta fejn apparti traduzzjoni fil-lingwa ġieli assista f'xiri ta' madum eċċ.

Sussegwentement Modugno beda jgħidlu li l-atturi kellhom xi problemi bil-finanzi u kienu jippretendu li jordnaw il-madum u jħallas hu.

Il-konvenut pero' qatt ma mar fuq il-lant tax-xogħol.

## B. EĊĊEZZJONI PRELIMINARI

Fl-ewwel eċċezzjoni tal-intimati konjuġi Pisani ingħad li l-konvenuta Mary Grace Pisani ma kellha ebda involviment f'din il-kwistjoni u ma għandha ebda rabta ġuridika mar-rikorrenti u għalhekk għandha tiġi liberata minnufih mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ġurisprudenzjali li jirregolaw min għandu jitqies leġittimu kontradittur f'kawża, ingħad hekk minn din il-Qorti stess fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciza fit-28 ta' Settembru 2016**[16] **-**

[16] Rik Gur Nru 700/14

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009***[17] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[18]*."*

[17] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[18] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

Kompla jingħad hekk fil-każ **Michael Angelo Briffa et vs Jost Merten et deċiż fid-29 t'Ottubru 2018**[19] **-**

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2011 kienet saret distinzjoni bejn il-kwistjoni tar-responsabbilita tal-parti u l-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, u f'dan is-sens ġie rrilevat illi:*

*"…biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti*

[19] Rik 983/15

*għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."*

Applikati għall-każ odjern il-Qorti tqis li l-bażi tal-azzjoni odjerna hija l-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2016 li fih b'ebda mod ma kienet parti minnu Mary Grace Pisani. Infatti la hemm xi allegazzjoni dwarha fil-premessi tar-rikors ġuramentat u lanqas it-talbiet ma huma mmirati lejha la direttament u lanqas indirettament.

Kwindi il-preżenza tagħha fil-kawża hija inutli stante li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-atturi.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ser tintlaqa' u kwindi ser tillibera lill-istess Mary Grace Pisani mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż marbutin magħha għandhom ikunu a karigu tal-atturi.**

## Ċ. MERTU

Il-Qorti tqis li għandha fl-ewwel lok tissottolinea li huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza li nonostante l-fatt li s-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi fil-proċeduri odjerni, l-atturi xorta kien jeħtiġilhom jippruvaw il-pretensjonijiet tagħhom sal-grad rikjest mill-liġi. Infatti kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni jew xi *walk over* iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet tal-atturi.

Fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[3] il-Qorti qalet hekk -

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-liġi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[4] –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guże Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

Ferm il-premess, **fl-ewwel talba tal-atturi** din il-Qorti qegħda tiġi mitluba tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment debituri tagħhom fis-somma ta'

€55,000 oltre l-imgħax kummerċjali mid-data tal-ħlas sad-data tal-pagament effettiv.

Id-difiża tal-konvenut Francois Pisani hija li –

i. mhuwhiex minnu li huwa kien appaltatur fuq il-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016 nonostante l-fatt li ġie ndikat f'dik il-vesti; u

ii. ix-xogħlijiet li kellhom jiġi mwettqa mis-soċjeta' konvenuta fil-fond tal-atturi tlestew anke jekk dawn saru minn terzi fuq struzzjonijiet tal-istess soċjeta' konvenuta. Huwa jsostni li r-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta ġiet estinta għax ir-responsabiltajiet tal-istess soċjeta' ġew assorbiti minn Sebastiano Vicaro.

Il-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Il-pretensjonijiet u t-talbiet tal-atturi skattaw b'rabta mal-konsegwenzi tal-allegat nuqqas tal-konvenuti li jonoraw l-obbligi kuntrattwali minnhom assunti fil-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2016;

2. Huwa paċifiku li fl-ewwel parti tal-ftehim, Sarah Engerer ġiet indikata bħala l-klijenta filwaqt li s-soċjeta' konvenuta Allin One u l-konvenut Francois Pisani huma flimkien indikati bħala kuntrattur/appaltaturi;

3. Ma hemmx kontestazzjoni dwar in-natura tar-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta in kwantu l-partijiet jaqblu li tali soċjeta' kienet inkarigata bl-appalt sabiex twettaq xogħlijiet fil-fond proprjeta' tal-atturi;

4. Tirriżulta pero' kontestazzjoni dwar in-natura tar-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut Francois Pisani. Kif ingħad, għalkemm fil-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016 jinsab imniżżel bħala *appaltatore* flimkien ma' Allin One, liema vesti hija kontestata kemm mill-konvenut Pisani u anke mix-xhieda ta' Luca Di Modugno li jinsistu li Pisani kien preżenti biss bħala traduttur;

5. Il-Qorti tirrileva bla tlaqliq li din it-teżi tal-konvenut hija nverosimili għall-aħħar tenut kont tal-fatt li l-atturi dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim kienu assistiti minn avukat Naplitan u kif ħareġ mix-xhieda huma ma kellhomx għalhekk bżonn interpretu;

6. L-atturi fl-affidavits tagħhom jgħidu li fil-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2016 Francois Pisani ffirma bħala rappreżentant tas-soċjeta' Allin One. Iżda oltre għall-fatt li mkien mill-provi ma ntwera li Pisani kien qiegħed jaġixxi f'dik il-vesti, lanqas il-ftehim innifsu ma jindika dan;

7. Huwa minnu li l-konvenut ġie ndikat fil-ftehim bħala appaltatur pero' lanqas biss iffirma bħala tali fl-aħħar paġna tal-ftehim fejn l-unika firma ta' appaltatur hija tar-rappreżentant legali li deher għan-nom tas-soċjeta' Allin One;

8. Jiġi osservat pero' li waqt ix-xhieda tiegħu viva voce Pisani xehed li huwa kien preżenti fuq il-kuntratt għax *"Luca ried lil xi ħadd jibbekjah fl-affarijiet li qed jagħmel*[20]*"* mhux semplċi xhud ta'firma kif jissugerixxi segwentement l-avukat waqt li Pisani qed jixhed minn jeddu;

[20] Fol 195

9. Minn dan il-Qorti tislet li l-konvenut kien qiegħed jiggarantixxi l-obbligi kuntrattwali assunti minn Allin One u dan fit-termini tal-artikolu 1925 et seq tal-Kap 16. Dan jikkombaċi ma' dak li xehed l-avukat Andrea Patelli li abbozza l-ftehim fejn huwa kien xehed li Pisani kien garanti għas-soċjeta' konvenuta. Ħareġ ukoll minn din ix-xhieda li l-konvenut kien iffirma volontarjament u mingħajr problemi. Ġew spjegati lilu wkoll l-obbligi assunti fil-kuntratt. Jiġi nuttat ukoll li mill-firem fuq kull paġna tal-kuntratt[21] hemm ukoll waħda li hija simili ferm għall-firma tal-konvenut fuq l-irċevuta għas-somma ta' €25,000 a fol 36;

10. Evidentement għalhekk l-indikazzjoni tal-konvenut bħala kuntrattur/appaltatur fil-ftehim ma kinitx tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet u għalhekk għandha tipprevali l-intenzjoni tal-partijiet li l-konvenut kien garanti solidali mas-soċjeta' konvenuta u dan ai termini tal-artikolu 1003 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk -

> *"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet."*

Fil-każ **Golden Bun Manufacturing Co. Ltd vs Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriza et deċiż fis-26 ta' Novembru 2015**[22] ingħad hekk in materja -

*'Fil-materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili*, *li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt hu car m'hemmx lok ghal*

[21] Għajr għal paġna ta' l-aħħar.
[22] Rik Nru 402/2006 LSO

*interpretazzjoni (**Ara sentenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27**, u "**Stanislao Cassar et vs Chevalier Antonio Cassar"** deciza fil-15 ta' Dicembru 1995 **Kollezz LXXXIX.ii.704 u, "Improve Design Ltd. vs Ray's Car Hire Ltd. et "** P.A. deciza fis- 6 ta; Dicembru 2012). F'dan l-istess kaz, kompla jinghad:*

*"Hu biss meta s-sens tal-kliem ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha kif ikun jidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, li ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet. (Artikolu 1003 tal-Kap 16).*

*Kif gie osservat mill-Qorti Civili Prim' Awla fil-kaz (**"Sciberras Trigona vs Aneico"**), tas-6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettura dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture. (**Vol.XXXVI.p.i.p191**). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali.*

*Huwa meta s-sens litterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, li ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan, din il-Qorti diversament preseduta spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien. (**"J. Bartolo et vs A. Petroni"** deciza 7 ta' Ottubru 1997").*

11.Stabbilit dan, il-Qorti tipproċedi bl-evalwazzjoni tal-ewwel talba u tissottolinea li kif ingħad fil-każ **Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deċiż fit-28 t'April 2017**[23] **-**

[23] Rik 381/11

*"Kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Micallef v. Mizzi****, deciza fil-24 ta' Frar, 2012: "Huwa principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza l-Imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni. Is-sentenza kellha ghalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni."*

12. Mill-premessi u t-talbiet avvanzati fir-rikors ġuramentat jirriżulta li l-azzjoni attriċi hija arġinata fuq pretensjonijiet marbuta ma' allegat inadempjenza ta' obbligi kuntrattwali da parti tal-konvenuti kif assunti minnhom fil-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016. Dan ifisser li l-kompitu tal-Qorti huwa li tevalwa jekk dak maqbul bejn il-partijiet f'dan il-ftehim ġiex rispetatt u fin-nuqqas x'inhuma l-konsegwenzi;

13. It-termini u l-kundizzjonijiet maqbula fil-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2016 kienu ċari u dettaljati. Kellhom jibdew fi żmien jumejn minn meta jsir il-ħlas tad-depożitu - u kwindi mis-7 ta' Novembru 2016 ġjaladarba d-depożitu akkont ta' €25,000 tħallas fil-5 ta' Novembru 2016 – u jitterminaw fit-28 ta' Frar 2017;

4. Kemm fir-rikors ġuramentat u anke fix-xhieda tagħhom l-atturi jsostnu li s-soċjeta' Allin One qatt ma bdiet twettaq ix-xogħlijiet li kienet intrabtet bihom fil-ftehim tal-2016 u minflok, minħabba diffikultajiet finanzjarji tas-soċjeta' konvenuta kellhom jitqabbdu terzi persuni biex iwettqu dan ix-xogħol;

5. Meta xehed Luca Di Modugno għan-nom tas-soċjeta' konvenuta ma rribattiex dak li qalu l-atturi u ċioe' li s-soċjeta' konvenuta ma kienet għadha bdiet ebda

xogħlijiet fil-fond tal-atturi qabel ma daħal fix-xena Sebastiano Vicario. Xehed biss li *"durante la fase di lavori, io ho avuto problemi con altri clienti, di qui ho subito dei sequestri bancari. Ho fatto entrare il signor Sebastiano umanamente*[24]*."* Pero' x'kienet *"la fase di lavori"* li skont hu kienu waslu fiha ma qalx. Ftit wara qal li *"quando e' entrato il signor Vicario, il lavoro era da 150,000. Noi abbiamo fatto 15,000 di lavoro con la Signora Engerer*[25]*"*. Pero' x-xhud baqa' ma ta ebda ħjiel ta' x'kienu dawn ix-xogħlijiet u kif il-prezz tagħhom laħaq is-somma ta' €15,000;

6. Luca Di Modugno inoltre kkonferma li d-depożitu li kien irċieva mingħand l-atturi kien għadu maqbud bis-sekwestri tal-Qorti;

7. Dan kollu jwassal għall-konvinċiment tal-Qorti sal-grad rikjest mill-liġi li s-soċjeta' konvenuta qatt ma laħqet bdiet xogħlijiet fil-proprjeta' tal-atturi;

8. L-artikolu 1640 (3) u (4) tal-Kap 16 jipprovdi hekk –

*"(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra;*

*(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont* is-subartikolu (2) *jew* (3) *u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta."*

---

[24] Fol 181

[25] Fol 182

**9. Mill-kunsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tasal għall-konklużjoni li la ma twettqu ebda xogħlijiet mis-soċjeta' konvenuta fil-proprjeta' tal-atturi, din għandha tirrifondi lill-atturi s-somma ta' €55,000 li huma kienu ħallsuha.**

Dwar it-talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet kummerċjali, l-atturi jippretendu tali imgħaxijiet b'effett mid-data tal-ħlas sad-data tal-pagament effettiv. Madankollu, kif ingħad fis-sentenza **Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiż fil-31 ta' Mejju 2013** –

*"Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas .... u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora". Għaldaqstant il-Qorti ser tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-imgħax legali fuq is-somma likwidata mill-jum tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament".*

10. **L-ewwel talba tal-atturi għalhekk sejra tintlaqa' biss bil-mod kif ingħad**;

11. Jiġi sottolineat f'dan l-istadju li l-fatt li kien Luca Di Modugno li laqqa' lill-atturi ma' Sebastiano Vicario u l-fatt li Vicario wettaq fil-fond tal-attur u l-maġġor parti tax-xogħlijiet li oriġinarjament kienu jiffurmaw parti mill-kuntratt tat-22 t'Ottubru 2016 ma jbiddel xejn mir-responsabiltajiet tas-soċjeta' konvenuta. Ir-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' konvenuta u l-atturi hija dik mertu tal-kawża u hija wkoll separata u distinta mir-relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u Sebastiano Vicario u bejn Sebastiano Vicario u s-soċjeta' konvenuta. L-arranġamenti li seta' kien hemm bejn l-atturi u Vicario u bejn Vicario u s-soċjeta' konvenuta dwar ix-xogħlijiet u l-pagamenti huma estranei għal kawża odjerna. Kwindi jekk Sebastiano Vicario għandu xi pretensjonijiet kontra l-atturi jew kontra s-soċjeta' konvenuta għal ħlasijiet dovuti lilu dawn m'għandhom ebda

rilevanza għar-riżoluzzjoni tal-vertenza odjerna għax jaqgħu lil hinn mill-mertu tal-kawża;

12. **It-tieni talba tal-atturi** hija għall-ħlas tad-danni subiti minnhom ai termini tal-artikolu 6 tal-iskrittura tal-appalt , okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi.

Il-Qorti tqis pero' li din it-talba ma ġietx adegwatament pruvata għax l-atturi ma ressqux provi dwarha. Jiġi nnutat li meta s-soċjeta' konvenuta ma kinitx f'qagħda li tesegwixxi l-appalt in kwistjoni, ix-xogħlijiet jew almenu l-maġġor parti minnhom twettqu minn kuntrattur ieħor. Huwa minnu li x-xogħol meħtieġ biex il-fond isir abitabbli ħa ftit xhur aktar milli kien miftiehem fil-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016 pero' jirriżulta wkoll mill-provi li l-atturi kkontribwew ukoll għal dan id-dewmien minħabba li ma bdewx iħallsu għax-xogħlijiet li kien għamel il-kuntrattur terz u għalhekk ix-xogħlijiet kienu waqfu għal xi żmien. Mhux ikkontestat ukoll li l-atturi biddlu ħsiebhom anke dwar materjal li kellu jintuża biex jiġi kompletat ix-xogħol bħal użu ta' irħam minflokk madum.

**Fiċ-ċirkustanzi, din it-talba ma hijiex ser tiġi akkolta.**

13. Fit-tielet talba l-atturi qed jitolbu r-rimbors tas-somma ta' €4,200 għal kera żejda li huma ħallsu għall-perjodu sakemm tlestew ix-xogħlijiet.

14. Naturalment, min jallega jrid jipprova.

15. Ingħad hekk fil-każ **Salv Trading Limited vs Kunsill Lokali Birkirkara deċiż fid-9 ta' Lulju 2019 -**

*"Illi hija norma elementari tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir bir-riżultat li l-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas*[26]*."*

16. Inevitabilment, sakemm il-fond in kwistjoni ġie reż abitabbli, l-atturi kienu qegħdin jgħixu x'imkien ieħor. Madankollu sabiex juru li din ir-residenza alternattiva kienet qed issir bi ħlas, kien jinkombi fuqhom iġibu l-prova tal-ħlasijiet li għamlu permezz tad-debiti riċevuti.

17. Din il-prova baqgħet ma saritx. **It-tielet talba sejra għalhekk tiġi miċħuda.**

18. **Fir-raba' talba** l-atturi talbu l-likwidazzjoni tal-ħlasijiet żejda li kellhom iħallsu r-rikorrenti biex ix-xogħlijiet oriġinarjament appaltati skont il-ftehim tat-22 t'Ottubru effettivament isiru.

19. Kif ingħad, skont l-artikolu 4 mill-ftehim tat-22 t'Ottubru 2016 il-ħlas totali tal-appalt kellu jkun fis-somma ta' €150,000 inkluż il-VAT u l-ispiża għall-provvista u t-tqegħid tal-għamara tal-kċina;

20. Skont il-lista ndikata fl-affidavit tal-attur, kawża tal-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjeta' konvenuta l-atturi nefqu s-somma totali ta' €227,287 sabiex isiru x-xogħlijiet minn terzi u kwindi differenza ta' €77,287 mill-appalt oriġinali;

21. Jingħad immedjatament li dawk l-ispejjeż li fil-lista ġew indikati mingħajr il-preżentata tad-debita riċevuta mhumhiex ser jiġu kkunsidrati. Is-somma għalhekk tinżel għal €210,987;

---

[26] P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd

22. Inoltre, uħud mill-items indikati fl-affidavit huma koperti biss bi stima u mhux b'riċevuta. B'żieda ma' dan, il-Qorti tissottolinea li kien jispetta lill-atturi jġibu prova teknika, anke bit-talba għal ħatra ta' perit tekniku sabiex jiġi stabbilit jekk l-items rimanenti li tagħhom l-atturi qed jitolbu ħlas, anke jekk koperti b'riċevuta, humhiex tal-istess kwalita' ta' dak maqbul fil-ftehim għal fini ta' tqabbil. Dan jingħad ukoll kif ġia riferut fid-dawl tal-fatt li wieħed mill-ilmenti ta' Sebastiano Vicario fil-konfront tal-atturi kien li huma mhux l-ewwel darba kienu jkunu jridu jixtru affarijiet li jiswew ferm aktar minn dak miftiehem. Detto cio, ma jistax jiġi nnegat li mill-irċevuti tal-ħlasijiet esebiti mill-atturi, spejjeż għamlu żgur. Għalhekk, għalkemm l-attur kien piutost karenti fil-provi aktar li jsostni din it-talba, xorta jimmerita fiċ-ċirkustanzi ċertu kumpens u kwindi l-Qorti sejra tillikwida s-somma **ta' €20,000** *arbitrio boni viri* sabiex jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż addizzjonali.[27]

**Ir-raba' talba ser tintlaqa' kif appena deċiż.**

**Ser tintlaqa' wkoll il-ħames talba għar-rigward tas-somom hekk likwidati.**

**L-eċċezzjonijiet tal-intimat Pisani ser jiġu miċħuda ħlief safejn kompatibbli ma dak deċiż.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Pisani u tillibera lil Mary Grace Pisani mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni ikunu a karigu tal-atturi filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara l-konvenuti Allin One Group Turnkey Services Ltd u Francois Pisani solidalment bejniethom bħala debituri tal-**

---

[27] Ara sentenza Qorti tal-Appell **Lee Tanti vs Clayton Bugeja et.** deċiża 21 ta' Mejju, 2024 Rikors numru 763/2021TA

**atturi fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) oltre l-imgħax kummerċjali li jibda jiddekorri mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**3. Tiċħad it-tieni u t-tielet talba;**

**4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba u tillikwida s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) *arbitrio boni viri* sabiex jagħmlu tajjeb għal ħlasijiet żejda li l-atturi kellhom jagħmlu biex isiru x-xogħlijiet appaltati b'imgħaxijiet dekorribbli kif ingħad;**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tordna lill-konvenuti Allin One Group Turnkey Services Ltd u Francois Pisani solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma globali ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) in kwantu għal ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) bħala ħlasijiet li kienu saru mill-atturi b'rabta mal-appalt in kwistjoni u in kwantu għal għoxrin elf ewro (€20,000) likwidati *arbitrio boni viri* għall-ispejjeż addizzjonali minnnhom magħmula;**

**6. Peress li mhux it-talbiet kollha tal-atturi ntlaqgħu, l-ispejjeż rimanenti jinqasmu hekk: ¾ il-konvenuti Allin One u Francois Pisani solidalment bejniethom u ¼ l-atturi.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**